**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum it-Tlieta, sitta (6) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 810/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Josef Gauci)***

**Vs**

**Francis Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **<u>Francis Buttigieg</u>**, iben John u Carmela nee' Apap, imwieled il-Qala, Għawdex fis-sebgħa (7) ta' Novembru 1953 u residenti 'Honey Comb', Nadur Road, Qala, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 66353(G) talli nhar id-disgħa (9) ta' Ġunju 2023, għall-ħabta tan-nofs

siegħa ta’ wara nofs inhar (12:30 hrs) ġewwa Crystal Lagoon bl-opra tal-baħar bl-isem ta’ reġistrazzjoni ‘Barbarossa’, bħala sid u operatur ta’ dan il-bastiment, opera tali bastiment mingħajr ċertifikat ta’ bastiment kummerċjali u meta l-ebda persuna ma tista’ tuża jew tħaddem bastiment, u lanqas ma jista’ s-sid tiegħu jagħti jew iħalli bastiment jiġi wżat jew imħaddem, għall-kiri jew bi ħlas fil-portijiet, fl-ibħra interni jew territorjali ta’ Malta sakemm dan il-bastiment ma jkunx iċċertifikat skont il-Kodiċi tal-Prattika u jkun kopert b’ċertifikat ta’ bastiment kummerċjali validu.[1]

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar id-disgħa (9) ta’ Ġunju 2023, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta’ wara nofsinhar (12:30 hrs) ġewwa Crystal Lagoon, f’Kemmuna uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità għat-Trasport f’ Malta wettqu spezzjoni fuq *dinghy* immarkat bħala “tender to Barbarossa”. Dan it-*tender boat* huwa anċillari għall-bastiment ‘Barbarossa’ u fil-ħin li ġie mwaqqaf, dan id-dinghy kien qed jintuża biex idawwar lit-turisti mal-għerien ta’ dik iż-żona. Fuq id-*dinghy* kien hemm sitt (6) turisti flimkien mal-kaptan li ġie identifikat bħala l-akkużat Francis Buttigieg. Ġie innutat li la t-turisti u lanqas il-kaptan ma kienu lebsin il-ġkieket tas-salvataġġ, u lanqas ma kien hemm ġkieket tas-

[1] Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23.

salvataġġ abbord. Id-dinghy lanqas ma kellu abbord iċ-ċertifikati meħtieġa biex iwettaq vjaġġi kummerċjali.

Minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru mill-uffiċjali tal-Infurzar mal-Kamra tal-Kontroll Marittimu tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, irriżulta li l-*dinghy* in kwistjoni ma kienx reġistrat għall-użu kummerċjali mal-istess Awtorita'. L-Awtorita għalhekk bdiet proċeduri legali fil-konfront tal-istess Francis Buttigieg.

Ikkunsidrat:

In linea preliminari, d-difiża tallega li l-kawża tal-Prosekuzzjoni tfalli għaliex l-akkuża qed tirrferi għall-akkużat Francis Buttigieg bħala "sid u operatur" meta fil-verita Buttigieg kien biss l-operatur tad-dinghy. Is-sid irriżulta li kien xi ħadd ieħor. Id-difiża pero m'għandhiex raġun f'dan l-argument tagħha. Dan għaliex fit-termini tad-definizzjoni mogħtija lill-kelma *"sid"* fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23, il-kelma "sid" mhux qiegħda tirreferi biss għall-propjetarju (owner) iżda qiegħda tinkludi wkoll l-operatur tal-bastiment. Infatti fl-istess regolamenti jingħad li "sid" tfisser *"is-sid reġistrat jew is-sid jew l-operatur ġestjonarjutas-sid reġistrat jew tas-sid jew tas-sid disponenti, jew il-Kaptan tal-bastiment."* Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi respinta.

Minn eżami tal-provi prodotti jirriżulta li l-Prosekuzzjoni qed tallega li d-dinghy li kien qed jiġi operat u li kien immarkat bħala "Tender to Barbarossa" ma kellux iċ-ċertifikat ta' bastiment kummerċjali rikjest biex jkun jista' jopera fit-termini tar-regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23. Madanakollu għal xi raġuni l-akkuża li inħarġet mhux qed tirreferi għall-bastiment "Tender

to Barbarossa" iżda għall-bastiment "Barbarossa". Il-Qorti għalhekk hija marbuta li tara jekk l-akkuża kif effettivament ġiet formulata tirriżultax mill-provi li ġew prodotti.

Din il-Qorti m'għandha l-ebda eżitazzjoni biex tikkonkludi li l-akkuża kif formulata ma tistax tirriżulta għas-sempliċi raġuni li l-bastiment Barbarossa u li għalih hemm riferenza fl-akkuża kien kopert b'ċertifikat validu hekk kif rikjest mil-liġi. Dan jirriżulta bl-aktar mod ċar miċ-ċertifikat esebit bħala Dokument CM 1 mix-xhud Chris Magro. Iċ-ċertifikat in kwistjoni kien maħruġ fit-tletin (30) ta' Ġunju 2021 u kienu jiskadi fl-erbgħa (4) ta' Marzu 2024.[2] Għaldaqstant fid-disgħa (9) ta' Ġunju 2023 kien hemm ċertifikat validu li kien qed ikopri l-użu tal-bastiment.

L-akkuża fil-verita kellha tirreferi għall-bastiment li kien immarkat bħala "Tender to Barbarossa" u mhux għal "Barbarossa" għax kien propju dan il-bastiment li twaqqaf u li l-uffiċjali allegaw li ma kellux ċ-ċertifikati neċessarji. Għalhekk l-akkuża kif formulata ma tistax tirriżulta.

Din il-Qorti tmur pass oltre. Anke li kieku l-akkuża inħarġet bl-isem korrett tal-bastiment in kwistjoni, xorta hemm dubju kemm jista' jingħad li l-akkużat kien qed jikser ir-regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.23. Dan għaliex id-dinghy in kwistjoni kien tender – u effettivament kellu marki distintivi f'dan is-sens – għal bastiment bl-isem "Barbarossa" u allura kien estensjoni funzjonali tal-*mother boat* "Barbarossa". Dan ifisser għalhekk li t-tender huwa kopert biċ-ċertifikat tal-mother vessel u bl-istess polza ta' assikurazzjoni. Dan kif sewwasew irriżulta mill-provi prodotti. *Di piu*, din il-

[2] Ara ċertifikat a fol. 25 tal-proċess.

Qorti tqis li sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova li d-dinghy ma kienx qiegħed jiġi użat bħala *tender* iżda bħala *dinghy* indipendentement mill-mother vessel u li allura kien jeħtieġ ċertifikat ta' bastiment kummerċjali *ad hoc*, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova wkoll li d-dinghy kien tal-anqas aktar minn sitt (6) mili nawtiċi imbiegħed mill-mother vessel. Dan hekk kif jistipulaw il-linji gwida għal tenders formanti parti mill-Malta Commercial Yacht Code.[3] Din il-prova ma inġabitx. Fix-xhieda tal-Ispetturi m'hemm l-ebda indikazzjoni dwar jekk l-istess Spetturi għamlux verifiki jekk il-mother boat kinitx qiegħda fil-viċinanzi jew le. Għalhekk anke li kieku isem il-bastiment kien indikat korrettament fl-akkuża, din lanqas ma kienet sejra tirriżulta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu</u>** u qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

[3] https://www.transport.gov.mt/Commercial-Yachts-Extended-Range-Tender-Guidelines-Rev-1.pdf-f7650. Dawn kienu l-linji gwida applikabbli fis-sena li seħħ l-allegat reat. Dawn reġgħu ġew riveduti b'effett mill-ewwel (1) ta' April 2024.

(ft) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur